MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 1250/2012

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Albert Borg, iben Anthony, imwieled Valletta fit-8 ta' Ottubru, 1953, karta ta' l-identita' numru 765353(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-16 ta' Novembru, 2012 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, skont l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali:
1. talli fis-16 ta' Novembru, 2012 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, wara nzul ix-xemx, f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fi Triq Ħriereb, l-Imsida, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, fuq vettura tat-tip Volkswagen Scirocco, bin-

numru tar-reġistrazzjoni IBN 416, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 iżda tiskorri €116.47, li sar għad-dannu ta' Michael Calleja u/jew persuni oħra;
2. talli matul l-istess perjodu, bl-imġiebu tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor, u cioe' lil Michale Calleja, biża' li ser tintuza vjolenza kontrih u kontra l-familja tiegħu u l-impjegati tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li din il-Qorti jidrilha xieraq.
F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Michael Calleja u il-familjari u l-impjegati tiegħu skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni li saru fuq il-vettura huma ta' €960 u li seduta stante l-imputat ħallas din is-somma lil Michael Calleja. Tali somma ġiet meħuda mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ulterjuri ċivili talvolta naxxenti mill-aġir ta' l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 251B(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni favur Michael Calleja għal perjodu ta' sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------